MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2012

Mandat Numru. 264/2012/1

**Ballut Blocks Services Ltd u Bonnici Bros Limited**
**vs**
**SmartCity (Malta) Limited u**
**SmartCity (Malta) Infrastructure Limited**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tar-rikorrenti tat-28 ta' Frar 2012;

Rat li dan ir-rikors gie milqugh provvizorjament fit-28 ta' Frar 2012;

Rat ir-risposta tal-intimati tal-5 ta' Marzu 2012;

Rat l-atti u semghet lil partijiet u d-difensuri fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2012;

Rat li r-rikors thalla ghal provvediment.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu r-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Is-socjetajiet rikorrenti qed jitolbu illi s-socjetajiet intimati jigu mizmuma milli juzaw favur taghhom dokument mahrug fl-24 ta' Frar 2012 mill-Project Management Consultant tal-Project SmartCity, cioe Bovis Lend Lease International liema document hu maghruf bhala Fair and Reasonable Determination of Claims and Counterclaims tal-partijiet mertu ta' dan il-mandat.

Fost id-determinazzjonijiet li saru f'dan id-dokument hemm sejbien ta' ammont ta' danni a favur tal-intimati dovuti mis-socjetajiet rikorrenti. Is-socjetajiet rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tinibixxi lis-socjetajiet intimati milli juzaw dan id-dokument biex isarrfu jew jesigu kwalsiasi garanzija bankarja mahruga mis-socjetajiet rikorrenti a favur tal-intimati b'rabta mal-kuntratt ta' appalt bejn il-partijiet datat 5 ta' Lulju 2009.

Is-socjetajiet rikorrenti qed jinvokaw li ghandhom dritt prima facie jitolbu l-hrug ta’ dan il-mandat peress illi l-istess Project Management Consultant cioe Bovis Lend Lease International kienet infurmathom b’email datat 19 ta’ Dicembru 2011 illi s-socjetajiet intimati li kellhom f’idejhom l-ghazla tal-consultant kienu itterminawlhom l-inkarigu b’effett mill-1 ta’ Jannar 2012. Ghalhekk is-socjetajiet rikorrenti qed jargumentaw illi l-hrug tad-dokument minn Bovis Lend Lease fl-24 ta’ Frar 2012 kien irregolari billi sar fi zmien meta l-istess Project Management Consultant ma kellhom ebda inkarigu jaghmlu jew johorgu dan id-dokument.

L-intimati irrispondew fit-tul dwar il-mertu tal-istess mandat u spjegaw illi kien gia gie michud il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni iehor fuq talba identika (ara mandat numru 1347/2011 deciz fid-19 ta’ Ottubru 2011), u illi llum ma tezisti ebda cirkostanza ohra li tbiddel dak deciz.

L-intimati jsostnu illi l-artikolu 4.2 tal-kuntratt ta’ appalt jaghti dritt lis-socjetajiet intimati jaghmlu ’claim’ taht il-’performance security’ moghtija mis-socjetajiet rikorrenti f’diversi sitwazzjonijiet prospettati fil-ftehim fosthom dak enumerat 4(2)(b):
The employer shall not make a claim under the Performance Security except for amounts to which the employer is entitled under the contract in the event of:
Failure by the contractor to pay the employer an amount due, as either agreed by the contractor or determined under sub-clause 2.5 (employer’s claims) or clause 20 (claims disputes and arbitration) within 42 days after the agreement or determination.

Bhala salvagwardja ghad-drittijiet tal-kuntrattur l-istess artikolu jispecifika illi:
The employer shall indemnify and hold the contractor harmless against and from all damages, losses and expenses, resulting from a claim under the performance security to the extent to which the employer was not entitled to make the claim.

Id-'determination' li tirreferi ghalih klawsola 4.2 hi mekkanizmu li l-istess kuntratt ta' appalt jispecifika f'artikolu 3.5 li jipprovdi:
Whenever these Conditions provide that the Engineer shall proceed in accordance with this Sub-Clause 3.5 to agree or determine any matter, the Engineer shall consult with each Party in an endeavour to reach agreement. If agreement is not achieved, the Engineer shall make a fair determination in accordance with the Contract, taking due regard of all relevant circumstances.

The Engineer shall give notice to both Parties of each agreement or determination, with supporting particulars. Each Party shall give effect to each agreement or determination unless and until revised under Clause 20 (Claims, Disputes and Arbitration).

Il-Qorti ser tissofferma ruhha fuq id-dritt prima facie li r-rikorrenti huma obbligati li juru biex din il-Qorti tista' tilqa t-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

Qabel xejn gie rilevat waqt l-udjenza tal-14 ta' Marzu 2012 illi l-kuntratt tal-appalt sar mas-socjeta SmartCity (Malta) Infrastructure Limited biss mentri l-garanziji mahruga mir-rikorrenti saru a favur ta' SmartCity (Malta) Limited, kumpanija distinta mill-ewwel wahda.

Il-bazi tat-talba tar-rikorrenti hi n-nuqqas ta' dritt u kwindi validata tad-'determination' li sar mis-socjeta Bovis Lend Lease International billi dan id-'determination' minn fejn jiskatta d-dritt allegat tas-socjetajiet intimati ghal risarciment taht il-garanziji maghmula mis-socjetajiet rikorrenti sar fi Frar 2012 meta l-inkarigu taghha kien gie stronkat fil-31 ta' Dicembru 2011.

Harsa pero lejn dan id-dokument markat Dok. BVJV1 anness mar-rikors juri illi din id-'determination' saret fuq l-informazzjoni migbura minghand il-partijiet li jwassal <u>sal-31 ta' Dicembru 2011</u>, cioe sal u entro l-perjodu meta l-istess Bovis Lend Lease International kienet ghadha fl-inkarigu u bid-drittijiet u obbligi kontrattwali li assumiet meta hadet dan l-inkarigu. Ma jirrizultax almenu prima

facie li din is-socjeta ghamlet xi kostatazzjoni ta' fatti u determinazzjoni li tmur oltre z-zmien meta kienet ghadha bl-obbligu li tezegwixxi l-inkarigu taghha. Id-data tal-imsemmi dokument cioe 24 ta' Frar 2012 jindika biss id-data meta ntbaghat izda ma jirriferix ghal xi determinazzjoni maghmula oltre l-perjodu li fiha l-istess socjeta kienet ingaggata.

Ghalhekk is-socjetajiet rikorrenti ma jidhirx li ghandhom prima facie ragun jopponu ghall-uzu tal-garanziji bankarji bazati biss fuq il-fatt li d-determination li jiskatta l-mekkanizmu tal-garanziji hu datat wara t-terminazzjoni tal-poteri tal-konsulent meta l-mertu tal-istess rapport hu bazat fuq dak li sehh fil-perjodu li kien ghadu konsulent bl-obbligu car li jittermina dak li kien gie ingaggat jespleta.

Mhux hekk biss izda l-kuntratt ta' appalt jistabilixxi, kif muri iktar il-fuq illi s-socjeta intimata SmartCity (Malta) Infrastructure Limited ghandha d-dritt prima facie li tuzufruixxi mid-drittijiet taghha fuq il-garanziji bankarji u dan skond l-artikolu 4(2) konsegwenti ghal dak determinat skond l-artikolu 3(5) ghalkemm kif jirrizulta bhala fatt hu illi l-beneficjarju tal-garanzija bankarji hi s-socjeta SmartCity (Malta) Limited.

Madankollu jirrizulta lil Qorti illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom disputa fil-konfront ta' SmartCity (Malta) Infrastructure Limited fuq ammonti li l-istess socjetajiet rikorrenti ma jaqblux li huma dovuti lis-socjeta fuq imsemmija u ghal hlas ta' ammonti gia certifikati dovuti lis-socjetajiet rikorrenti u li ghadhom ma thallsux.

Din id-disputa ghal somom pjuttost elevati skattat li qabel id-determination tal-24 ta' Frar 2012 hi fil-fatt mertu ta' arbitragg pendenti kif jirrizulta mill-atti.

Dan il-fatt juri illi s-socjeta SmartCity (Malta) Infrastructure Limited ghalkemm ghandha d-dritt prima facie tinvoka favur taghha l-artikolu 4(2)(b) tal-kuntratt fejn jidher li saret determination u ghalhekk wara 42 jum ghandha dritt tuza' l-garanzija bhala hlas, pero mill-banda l-ohra l-istess

klawsola wkoll ssemmi l-uzu tal-garanzija abbinata ma' klawsola 20 (claims, disputes and arbitration).

Il-klawsola 3.5 jaghmel pero caveat importanti cioe li "The engineer shall give notice to both parties of each agreement or determination, with supporting particulars. Each party shall give effect to each agreement or determination unless and until revised under clause 20 (claims, disputes and arbitration).

Hu minnu illi din il-Qorti ma kellhiex disponibbli l-agreement bejn il-partijiet u qed tinvoka biss dawk il-partijiet tal-kuntratt li l-partijiet irriferew ghalihom. Pero fuq bazi dejjem prima facie, u tenut kont li kuntratt ghandu jinqara fl-assiem tieghu biex wiehed jara x'riedu minnu l-partijiet hu evidenti illi mhux kull determinazzjoni taghti lok ghal tehid tal-garanzija specjalment meta dik id-determination qeghda soggetta ghal skrutinju kif jipprovdi l-istess kuntratt u kif gia jidher li hemm disputa.

Hu minnu ili t-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni qed isir b'referenza ghal determination li saret fi Frar 2012 pero jidher illi parti mill-kwistjonijiet li l-project consultant esprimew ruhhom fuqhom huma gia soggetti ghal proceduri inizjati ta' arbitragg u waqt it-trattazzjoni s-socjetajiet rikorrenti irreferew ghal-kwistjonijiet ohra li s-socjetajiet rikorrenti ma jaqblux dwarhom u li fuqhom ser jiehdu proceduri appoziti.

Ma jistax jinghad f'dan is-sens kif issottomettew is-socjetajiet intimati illi ma ingiebu ebda provi godda biex ibiddlu dak deciz fit-talba michuda ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bejn l-istess partijiet tad-19 ta' Ottubru 2011. Ir-rapport li nhareg fi Frar 2012 mill-project consultant hu fih innifsu prova gdida li timmerita investigazzjoni mill-gdid tat-talba.

Din il-Qorti hi ghalhekk konvinta li s-socjetajiet rikorrenti ghandhom dritt prima facie li jixtiequ jikkawtelaw, konsistenti in parti f'ammonti gia dovuti lilhom li fuqhom ma hemmx kontestazzjoni, u ammonti dovuti minnhom li

fuqhom hemm kontestazzjoni inkluz dak li jirrizulta mir-rapport jew determination mertu ta’ dan ir-rikors.

Dan id-dritt prima facie jirrizulta kontra s-socjeta li maghha s-socjetajiet rikorrenti ikkuntrattaw cioe SmartCity (Malta) Infrastructure Limited u l-pregudizzju li jista’ jigi arrekat lis-socjetajiet rikorrenti jekk din is-socjeta tuzufruixxi ruhha mill-artikolu 4(2) tal-ftehim bejnha u s-socjetajiet rikorrenti hareg waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors. Is-socjetajiet rikorrenti irrelevaw illi s-socjeta SmartCity (Malta) Infrastructure Limited hi biss shell company b’kapital azzjonarju ta’ 1,000 sehem ta’ €2.33-il wiehed. Ma ghandha ebda assi ohra. Dan l-istat ta’ fatt hu ta’ pregudizzju kbir ghas-socjetajiet rikorrenti jekk jinstab illi ghandhom ragun fil-pretensjonijiet kollha in kontestazzjoni u dawk li mhumiex u jirizulta illi s-socjeta SmartCity (Malta) Infrastructure Limited ma ghandhiex assi biex thallas, u di piu halliet li jigi inkassat il-garanzija bankarja minn socjeta ohra mahruga biex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tas-socjetajiet rikorrenti.

Fil-konfront tas-socjeta SmartCity (Malta) Limited jirrizulta mit-trattazzjoni u dokumenti esebiti illi l-garanziji bankarji mahruga mis-socjetajiet rikorrenti inhargu favur din is-socjeta li maghha ma kkuntrattawx ghalkemm il-garanziji jirreferu ghal kuntratt ta’ appalt in kwistjoni u l-hlas tal-garanzija jekk il-kuntrattur ma jeffettwax l-obbligazzjonijiet kontrattwali. Il-Qorti tqis li hemm ness legali anki ma’ din is-socjeta billi jekk is-socjeta SmartCity (Malta) Infrastructure Limited tuzufruixxi ruhha mill-artikolu 4(2) tal-ftehim mas-socjetajiet rikorrenti, dan ifisser li hi implicitament tkun iddelegat il-hlas a favur il-beneficjarju tal-garanzija li hi SmartCity (Malta) Limited, liema socjeta ma ghandhiex almenu prima facie il-jedd li jizbankaw il-garanzija minghajr ma jinsorgi d-dritt favur SmartCity (Malta) Infrastructure Limited.

Il-pregudizzju tas-socjetajiet rikorrenti fil-konfront ta SmartCity (Malta) Limited ukoll hu car. Jekk din is-socjeta tithalla tizbanka taht il-pretest li SmartCity (Malta) Limited ma ghandhiex relazzjoni guridika mar-rikorrenti, din is-socjeta tkun qed tithalla tiehu flus li huma in

kontestazzjoni kollha jew in parti bejn is-socjetajiet rikorrenti li fethu l-garanzija u s-socjeta SmartCity (Malta) Infrastructure Limited. Billi l-Qorti tqis li kontra SmartCity (Malta) Infrastructure Limited l-ilment tas-socjetajiet rikorrenti hu gustifikat multo magis hu gustifikat fil-konfront tas-socjeta intimata l-ohra billi hi biss beneficjarja kemm il darba is-socjeta SmartCity (Malta) Infrastructure Limited ghandha jedd tesigi hlas ghal determination ’finali u konklusiv’ li f’dan il-kaz jirrizulta li mhux.

Jigi precizat illi l-garanziji esebiti huma kollha skaduti pero din il-Qorti tipprezumi li hemm xi proroga tal-garanziji u in ogni kaz ir-rikors mhux impernjat fuq garanzija partikolari izda kull garanzija in vigore mertu tal-kuntratt ta’ appalt.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni fil-konfront taz-zewg socjetajiet intimati hu gustifikat u ghalhekk qed tikkonferma l-mandat provvizorju taghha tat-28 ta’ Frar 2012 u tilqa’ t-talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kif mitlub mir-rikorrenti bil-kondizzjoni illi jittiehdu proceduri gudizjarji jew arbitrali mis-socjetajiet rikorrenti dwar id-determination tal-24 ta Frar 2012 entro xahar minn dan id-digriet.

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------